Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)
Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

Vs

James Anthony Agius

SEDUTA DISTRETT MOSTA

Illum 21 ta' Gunju 2024;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra

**James Anthony Agius ta' 47 sena iben Emanuel Agius u Angela Agius nee' Farrugia imwieled l-Imtarfa nhar il-31-10-1975 u resident gewwa 'Rohan Mans', Flat 6, Triq Dun Luret Callus, Zebbug u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 492075M.**

Akkuzat talli:
F' dawn il-gzejjer u cioe nhar il-25 ta' Marzu 2023 ghall-habta ta' bejn l-11:50hrs u 12:20hrs gewwa Trq Cejlu Tonna Mosta:

1. Ghamilt lil Christopher Cuschieri ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band' ohra mill-limiti ta' provokazzjoni
2. U iktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghidt fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti fejn offendejt il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.
3. U aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzivolontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet waqt is-seduta tal- 1 ta' Marzu 2024[1].

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda, argument li inqala' bejn is-sid tal-propjeta' certu Christopher Cuschieri nhar il-25 ta' Marzu 2023 mal-imputat James Anthony Agius li hu l-kuntrattur li gie mqabbad mill-Kunsill Lokali tal-Mosta biex iwahhal bozza mal-faccata tal-binja tal-kwerelant.

Agius jichad li b'xi mod hedded jew b'xi mod iehor qal diskors oxxen jew indecenti jew li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika.

**Provi**

Xehdet **PS 2224 Susanne Mifsud** permezz ta' affidavit fejn qalet li Christopher Cuschieri kien irrikorra l-ghassa tal-Mosta u qal li l-kuntrattur bil-flokk Micamed Limited infurmah li ser tehel bozza mal-faccata u hu beda joggezzjoni. Il-kuntrattur cempel lis-Sindku u dan ghaddielu l-mobile fejn is-sindku qallu li ha jibqa' ghaddej. Jghid li l-kuntrattur beda jghajru li huwa "arroganti u bassa" u beda jidghi u qallu li ser jaqbad u jwahhal il-bozza u li qisu gie li kien ser jiehu il-ligi b' idejh. Cuschieri ipprova jaqbad lis-sindku imma kien kollu ghalxejn u mar l-ghassa fejn diga' kien hemm is-sindku. Agius qallu li hu kien jaghmel dak li kien ser jghidlu is-sindku[2].

**Christopher Cuschieri** xehed fl-1 ta' Marzu 2024 fejn ikkonferma li l-gurnata tal-akkadut kienet il-25 ta' Marzu 2023 u l-kwistjoni li inqalghet mal-kuntrattur tal-kunsill u is-sindku tal-Mosta. Il-

[1] Fol. 21 tal-process.
[2] Fol. 6 tal-process.

konversazzjoni ghall-ewwel kienet civili. Hu qallu imbaghad “bassa, zewg daghiet u mossa biex joqghod attent”.

Kontro-ezaminat jikkonferma li ma ippruvax iweggghu. Jaqbel li ma kien hemm l-ebda hsara fil-propjeta’ tieghu. Jaqbel li l-imputat pprova jsib soluzzjoni. Jaqbel li hu kien daqsxejn imbaqbaq.[3]

Xehed il-**Perit Christopher Grech** u ikkonferma li l-imputat huwa l-kuntrattur tal-Kunsill. U spjega il-process tat-twahhil tal-bozoz. Spjega li Cuschieri beda jghajjat u kien arroganti fuq it-telefon. Qallu li kien sejjer l-ghassa u hu mar l-ghassa biex jaghmel rapport u hu gie ukoll. Waqt it-telefonata hu ma semax lill-imputat jghajjar, joffendi u jhedded lil Chris Chuschieri.

Kontro-ezaminat jghid li lil Chris Cuschieri jafu ghax hu mill-Mosta. Jikkonferma li fuq it-telefon qallu li kien Chris Cuschieri.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghandha quddiema biss il-verzjoni tal-kwerelant Christopher Cuschieri u sa fejn hu relevanti l-verzjoni tas-Sindku il-Perit Christopher Grech li limitatament ghall-incident tat-triq u li hu mertu tal-akkuza tkellem mal-kswerelant fuq it-telefon. Il-Qorti temmen lil Grech meta jghid li l-imputat Agius ma semghux jidghi jew jghajjat jew jaghmel storbju waqt it-telefonata ghax dan jikkombaca ma’ dak li qal il-kwerealnt fejn stqarr li ghall-ewwel it-telefonata kienet civili.

Il-Qorti pero’ temmen li wara it-telefonat ta’ Cuschieri mas-Sindku Grech li ma wasslet ghal imkien Agius ghamel in-nervi meta l-kwerelant beda jinsisti fuq il-punt originali tieghu, u cioe li l-bozza ma titwahhilx mal-propjeta’ tieghu. Kien f’dak li hin li qal xi kliem mhux f loku.

Izda minkejja dan ma jirrizultax li kien hemm xi theddid jew xi storbju.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ghandha ssib htija biss fuq it-tieni akkuza u tilliberrah mill-bqija.

[3] Fol. 11 tal-process.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat Artikoli 339(1)(e), 338(bb) u 338(dd) tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **James Anthony Agius HATI** tat-tieni akkuza fil-konfont tieghu u qed TILLIBERAH mill-ewwel u t-tielet akkuza. In vista' tal-fatt li hu opprova jsib soluzzjoni ghall-vertenza li inqalghet bejn is-Sindku u l-kwerelant Christopher Cuschieri tqis li jkun gust u ekwu li taghtih TWIDDIBA u CANFIRA.

Il-Qorti qeghda ukoll ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat biex bl-ebda mod ma jimmolesta jew javvicina lil Christopher Cuschieri taht penali ta' mitejn Ewro (Ewro 200) Ewro u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qori spjegat  lill-imputat l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li jhares l-istess.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat.

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.